# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016**

Kawza Numru: 176/2016JB

Numru: 26

**Peak Ogilvy & Mather Limited (C8530)**

***vs***

**Monaco Millions Limited (C30186)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-13 ta' Mejju 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn u hamsa u hamsin euro u sitta u hamsin centezmu (€2,055.56) rapprezentanti servizzi ta' reklamar minnha prestati lill-istess Socjeta Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 3421/2011 u l-imghaxijiet kummercjali *ai termini* tal-Art. 26C tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13);

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghad li t-Talba kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deher biss Edwin Ward in rapprezentanza tas-Socjeta Attrici li kkonferma bil-gurament il-pretensjoni attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Konvenuta – ghad li debitament notifikata – naqset milli tipprezenta risposta kif ukoll naqset milli tidher ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-

Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €2,055.56 bl-imghax skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 3421/2011, ikunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*